# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 269/2015**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Mary Farrell**

iben Thomas, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Frar, 1958, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 181158(M)

Illum, 25 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Mary Farrell quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-4 ta' Ottubru, 2013, gewwa Tiffany's Take Away - M'Skala, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li

jikkonformaw mal-htigijiet specjali fil-partita 13 tat- Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998) u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal -20 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)( e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 tat- Tlettax -il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Mary Farrell ipprezentat fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi qabel xejn jigi rilevat illi l-esponenti u l-imsemmi Carmelo Scic1una bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu "socji" fin-negozju tal-kiosk kif tissuggerixxi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Mejju 2015. Bhala stat ta' fatt, dan il-punt lanqas biss gie mqajjem mill-ebda' parti u wisq anqas ippruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Kuntrarjament ghal dak dedott mill-ewwel Qorti, u kif jemani car mill-iskrittura prezentata, l-esponenti kkonceda l-gestjoni (management) tal-kummerc ta' Tiffany's Kiosk lill-imsemmi Carmelo Scicluna u dan ghall-perjodu ta' circa sitt (6) snin, bejn Dicembru 2008 u Jannar 2015. Ghaldaqstant l-operat, direzzjoni u kontroll tal-istess kiosk kienet kompletament f'idejn Carmelo Scic1una ghall-perjodu imsemmi. Illi fil-fatt, il-gumata li fiha marru l-isptetturi tad-Dipartiment tal-VAT, u cioe' 1-4 ta' Ottubru, 2013, kienet proprju fiz-zmien operattiv ta' din il-koncessjoni.

Illi ghaldaqstant jigi rispettosament sottomess illi kien proprju Carmelo Scicluna, u mhux l-esponenti, li kellu jiehu hsieb u jaccerta ruhu illi hu, jew impjegati imqabddin minnu, johorgu ricevuti fiskali kif titlob il-ligi. Multo magis, meta fl-istess skrittura pprezentata mill-esponenti hemm pattwit illi l-istess Carmelo Scic1una irid jaghmel tajjeb hu ghall-hlasijiet tal-VAT dovuti

lill-Gvem ta' Malta.

Illi l-fatt li l-esponenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-gestjoni tal-kummerc in kwistjoni, u lanqas socju ma Carmelo Scic1una, jigi riaffermat meta wiehed iqis illi l-esponenti ma jiehu 1-ebda sehem mill-profitti tal-istess negozju, izda biss kunsiderazzjoni (operational consideration) ta' hamsa u tletin Euro (€35) kull jum.

Illi ulterjorment, u minghajr ebda' pregudizzju ghall-premess, l-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalih taghmel referenza l-ewwel Qorti jistipula illi

" ... izda direttur, manager jew ufficjal principali iehor ta' korp ta' persuni ma jkunx hati ta' reat bis-sahha ta' dan is-subartikolu jekk huwa jgib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diligenza ragonevoli jsir jaf b 'dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas."

Illi f'dan il-kaz ma hemmx involut "korp ta' persuni", izda jigi umilment sottomess illi tal-inqas ghandha ssir applikazzjoni analoga tal-artikolu succitat, fis-sens illi l-esponenti certament "ma setax b' diligenza ragonevoli jsir jaf b'dak l-eghmil jew nuqqas" ta' terzi una volta, kif gja nghad, huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-operat u n-negozju tal-kiosk.

Illi wkoll, u minghajr pregudizzju ghal dak premess, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu sopra citat ghandha tkun illi r-reat kontemplat fil-ligi ma huwiex strettament wiehed ta' strict liability, u cioe' illi sabiex jissussistu l-elementi tar-reat in kwistjoni irid ikun hemm dik l-intenzjoni jew, de minimis, negligenza kriminali li jakkompanja l-att kriminuz, anke' jekk tali att jew atti jigi kommess minn terzi persuni. Fl-isfond tal-fatti kollha fuq premessi, din il-forma mentis zgur li ma kenitx tezisti f'mohh l-esponenti.

Illi ghalhekk, l-esponenti jqis illi ghandu jigi lliberat mill-htija u mill-pie1q\na nflitta fuqu mill-ewwel qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-15 ta' Dicembru, 2008 saret applikazzjoni mill-appellant u certu Carmel Scicluna biex jirregistraw numru tal-VAT ghal negozju fi Triq il-Bahrija, Zabbar. In-negozju kien gestjoni ta' kiosk. Fil-formula li giet mimlija minn dawn iz-zewg persuni hemm l-informazzjoni ulterjuri li ndikaw ruhom bhal socji f'dan in-negozju. Ghalhekk, ghal finijiet tar-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT l-appellant u Carmel Scicluna huma responsabbli ghal gestjoni ta' dak in-numru tal-VAT (vide Dokument SP2 a fol. 8 et seq. ta' dan il-process).

Illi l-appellant ezebixxa quddiem l-ewwel Qorti skrittura privata li ggib id-data tat-22 ta' Dicembru, 2008 (fol. 19 et seq. ta' dan il-process) Din l-iskrittura tirrigwarda il-fond maghruf bhala "Tiffany's", Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsaskala. L-appellant u martu Marisa Farell ikkoncedew lil Carmel Scicluna 'management concession' tal-fond hawn fuq indikat. Carmel Scicluna kellu jhallas lill-koncedenti s-somma ta' hamsa u tletin eiro (€35) kull jum sa kemm tiskadi tali koncessjoni. F'din l-iskrittura jirrizulta li l-operatur, jigifieri Carmel Scicluna obbligat ihallas il-VAT naxxenti mill-gestjoni ta' dan il-fond.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza mhumiex kontestati ghaliex il-fatt li ma nhargitx ricevuta tal-VAT tirrizulta ampjament.

L-appellant qed jikkontendi li hu ma kellhu ebda kontroll la fuq l-impjegata wisq anqas fuq l-operat taghha. Illi a bazi ta' l-iskrittura hawn fuq indikata johrog car li l-appellant ma kienx impjega min kien qed jahdem f'dan il-fond (kiosk). Wisq anqas kellu l-kontroll ta' dan il-fond. Ghalhekk, jikkonendi li hu ma jistax jinsab hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn fejn hemm imsemmija zewg socji biss, kien ikun ferm ghaqli li s-socji kollha jitressqu l-Qorti. F'dan il-kaz ma garax hekk. Jekk wiehed janalizza l-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq citat mill-appellant

fir-rikors tal-appell tieghu, jidher car li hu ma setghax ikun jaf bl-operat tal-impjegata ta' dan il-kiosk. Mhux talli hekk izda l-operat tal-impjegata kien qed jarreka dannu lil Carmel Scicluna u mhux lill-appellant. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-proviso misjub fiz-zewg subartikolu tal-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jmur favur l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Joseph Mary Farrell. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Joseph Mary Farell minn kull htija u piena.